

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 43

## SAN PIJU X
## 1903 1914



Ir-Rużarju huwa l-isbaħ u l-aktar talba għanja mit-talb kollu lill-Medjatriċi tal-grazzji kollha; hija t-talba li tmiss l-aktar il-qalb tal-Omm t'Alla. Irreċitawha kuljum!

Fost it-talbiet kollha, ir-Rużarju hu l-isbaħ, l-aktar talba għanja u l-aktar li togħġob lill-Imqaddsa Verġni.

Mit-Testment Spiritwali ta' San Piju X

## SAN ALWIĠI de MONTFORT

mill-ktieb: Is-Sigriet tar-Rużarju jkellimna :

Il-Beatu Alan jirrakonta dwar soru li dejjem kienet titlob ir-Rużarju b'devozjoni kbira. Wara mewtha dehret lil soru fil-kunvent u qaltilha: 'Kieku kien possibbli kont nerġa' niġi lura fil-ġisem tiegħi biex ikolli ċans nirreċita mqar Ave Maria waħda biex nirbaħ il-merti tagħha ukoll jekk ikolli nerġa' ngħaddi minn dak li sofrejt fil-marda tiegħi'. Din is-soru kienet għaddiet minn marda tat-tbatija f'qiegħ ta' sodda qabel ma mietet.

San Alfonz Rodriguez , Fratell Ġiżwita kien jirreċita r-Rużarju b'fervur kbir hekk li spiss kien jara warda ħamra ħierġa minn fommu f'kull Missierna, u warda bajda f'kull Ave Marija.

San Alwiġi de Montfort

mill-ktieb:Is-Sigriet tar-Rużarju

Il-Kroniki ta' San Franġisk jirrakkuntaw dwar Fratell żagħżugħ li qabel l-ikel kien jirreċita r-Rużarju ta' Marija. Darba, għal xi raġuni jew oħra, ma qalux. Sema' l-qanpiena tar-refettorji ddoqq u talab lis-superjur tiegħu jirreċitah qabel imur għall-mejda, u billi ngħata l-permess, mar fiċ-ċella biex jitlob. Għadda ż-żmien sew u s-superjur bagħat fratell biex ifittxu u jsibu f'dawl tas-sema fil-preżenza tal-Madonna u żewġ anġli. Ward sabiħ kien ħiereġ minn fommu ma' kull Ave Marija waqt li l-anġli kienu jpoġġuhom fuq ras il-Madonna li mbissma dehret tilqagħhom. Fl-aħħar waslu żewġ fratelli oħra li ġew u raw dak kollu u l-Madonna ma telqitx sakemm tlesta r-Rużarju kollu.

Ħalli jqum il-maltemp u s-sema jiswied – dan ma jbeżżgħanix. Jekk nafdaw kif għandna nafdaw f'Marija, fiha nagħarfu l-Verġni l-Aktar Qawwija li 'bir-riġel verġinali tagħha saħqet ras is-serpent.'

Il-Papa San Piju X